# L-INBID FIL-BIBBJA

**Mistoqsija:** Insibu tifsira ċara fil-Bibbja dwar jekk fl-Ikla tal-Mulej għandniex nużaw frott tad-dielja jew inbid meta aħna nafu li fl-ewwel seklu kien użat l-inbid? Il-"frott tad-dielja" wżat fl-Ikla ta' l-Għid kien fih alkoħol jew le? L-inbid li pproduċa Ġesù fiċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ kien fih alkohol jew le?

**Tweġiba:** Fir-realtà ma hemmx tweġiba ta' "iva" jew "le" għal dawn il-mistoq-sijiet.

Dr. William Patton jikteb fil-ktieb tiegħu, Inbejjed tal-Bibbja: "Il-Liġijiet tal-Fer-mentazzjoni u Nbejjed ta'l-antiki jargumentaw li l-kelma Griega għall-"frott tad-dielja" tista tassew tfisser it-tnejn, meraq ta' l-għenba Iffermentat u mhux iffermen-tat."

1. **Ġwanni 2:1-11** – (Aqra)
    a. Kien hemm, u jibqa' jkun hemm ħafna kontroversja dwar l-inbid li Ġesù għamel fil-festa tat-tieġ.
    b. Il-kelma tradotta "inbid" ma tistax, b'xi grad ta' ċertezza, tkun ipp-ruvata li hija jew li ssakkar jew li ma ssakkarx.
    c. Il-kelma Griega "oinos" hija terminu ġeneriku, li tiddeskrivi l-meraq ta' l-għenba fl-istadji kollha tiegħu skond William Patton (bible Wines, Ft. Worth, Tx. Star Publications, 1871, p. 52).

Hemm żewġ veduti predominati fuq dan is-suġġett:

1. L-INBID MA KIENX LI JSAKKAR. Din il-pożizzjoni hija bbażata prima-rjament fuq l-argumenti li ġejjin"
    a. L-inbid ta' l-Ewwel Seklu kien ikun imħallat bl-ilma (jiġifieri, 3 partijiet ilma għall-parti waħda nbid) u li wieħed kellu jixrob ammont konsiderevoli qabel ma kien jasal biex jisker.
    b. Letteratura tar-Rabbi kienet tħares bl-ikraħ lejn li wieħed jixrob inbid mhux imħallat (Shabbath 77a; Peshahim108b u 2 Makk. 15:39, li jgħid, "Mhux tajjeb tixrob inbid waħdu jew ilma waħdu, tajjeb li tħallat l-inbid bl-ilma biex ipaxxik,…"
    c. Dawk taż-żminijiet tal-Bibbja kienu jħarsu bl-ikraħ fuq l-abbuż ta' l-inbid. Hemm ħafna riferenzi li jiddiskutu s-sokor jew inkella li tkun ittantat bl-inbid:
        i. **Ġenesi 9:20-21** – "U Noè beda jagħmilha ta' bidwi, u ħawwel qasam dwieli: U xorob <u>l-inbid</u>; u siker, u nkixef f'nofs it-tinda tiegħu."
        ii. **Proverbji 20:1** – "<u>L-inbid</u> iġib il-ksuħa, u x-xorb qawwi storbjuż: u min jagħtiha għalihomn ma għandux għaqal."

iii. **Proverbji 21:17** – "Min iħobb il-pjaċir jiftaqar: min iħobb l-inbid u ż-żejt ma jistagħniex."

iv. **Proverbji 23:20-21** – "La tagħmilhiex ma' dawk li jlegilgu l-inbid; jew ma' wikkiela żaqqeqin tal-laħam: Għax is-sikran u ż-żaqqieq jiftaqru:…għax l-ikel u x-xorb żejjed iwasslu għall-faqar."

v. **Proverbji 23:30-35** – "Dawk li jdumu jixorbu l-inbid, dawk li jfittxu jduqu x-xorb imħawwar, Tħarisx lejn l-inbid meta jkun iħammar, meta jkun itextex fit-tazza. Jinżillek ħelu, u mbagħad bħal serp jigdmek, u bħal lifgħa jniggżek. Għajnejk jaraw kollox bil-maqlub, u minn moħħok joħroġ kliem imħawwad, Tkun qisek mimdud ma' l-art fuq ġifen. U thewden: 'Laqtuni, imma ma ħassejtx; sawwtuni, imma ma weġġajtx. Xħin niġi f'tiegħi, nerġa' mmur infittex l-inbid."

vi. **Proverbji 31:4** – "Ma jixraqx li s-slaten jixorbu l-inbid, u li l-mexxejja jieħdu xorb qawwi."

vii. **Isaija 5:11-12** – "Ħażin għal dawk li jbakkru filgħodu, biex ja-għtuha għax-xorb qawwi, u jiddawru fil-għaxija, sa ma jsaħħa-nhom l-inbid! U ċ-ċetra, u l-arpa, it-tanbur, u l-flawt, u l-inbid, ikunu fil-banketti tagħhom: iżda huma ma jħarsux lejn egħmil il-Mulej, u lanqas iridu jaraw xogħol idejh."

viii. **Isaija 28:1-8** – (Aqra)

ix. **Hosegħa 4:11** – "L-inbid ġdid u l-qadim itellfu l-għaqal."

d. Dawk ta' żmien Ġesù kienu jafu lit-Testment il-Qadim wissa dwar l-użu ħażin ta' l-inbid u għalhekk żgur li ma servewx xorb li kien jista' jsakkar:

i. **Luqa 21:34** – "U ħarsu ruħkom, li ma jmorrux qlubkom jitqalu bl-ikel żejjed, u s-sokor, u l-ħsibijiet ta' din il-ħajja, u hekk jiġi fuqkom dak il-jum għal għarridea."

ii. **Rumani 13:13** – "Ħa nimxu onestament, qisu bi nhar; mhux fix-xalar u s-sokor, mhux fiż-żina u t-tbaħrid, mhux fil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu l-Mulej Ġesù Kristu, u tagħtux ħsieb tal-ġisem, biex taqtgħu x-xeqat ħżiena tiegħu."

iii. **1 Korintin 5:11** – "Iżda jien issa ktibtilkom biex ma tagħmlu-hiex ma' bniedem, li għalkemm għandu l-isem ta' ħukom, hu żieni, jew rgħib, jew idolatra, jew iħobb jgħajjar jew sikran jew ħalliel; ma' wieħed bħal dan m'għandkom lanqas biss tieklu."

iv. **1 Korintin 6:10** – " La ħallelin, la r-rgħiba, la s-skaren, la l-

qassiesa fuq in-nies, lanqas il-ħattafa ma jirtu s-saltna ta' Alla."

v. **Galatin 5:21** – "L-għira, il-qtil, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi, li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla."

vi. **Efesin 5:18** – "U la tiskrux bl-inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtelw bl-ispirtu."

vii. **1 Pietru 4:3** – "Għax għalina hu biżżejjed li fiż-żmien imgħod-di ta' ħajjitna tajnieha għar-rieda tal-Ġentili, meta konna ngħi-xu fil-faħx, fix-xewqat ħżiena, fis-sokor, fit-tbaħrid, fl-ikel, u fil-qima mistkerrha ta' l-allat ħżiena."

e. Ġesù qatt ma kien se jagħmel xi ħaġa li kienet se tinkorraġġixxi d-dnub, u li tipprovdi nbid li jsakkar kien ikun li tinkorraġġixxi s-sokor.

f. Ma hemm xejn fit-test ta' Ġwanni 2:1-11 li jkun jeħtieġ li dak l-inbid ikun wieħed li jsakkar. Ukoll vers 10 ma jissuġġerixxix li l-mistednin kienu fis-sakra. "Xorbu ħafna" jista' jfisser xejn aktar minn "huma kkonsmaw dak kollu li kienu jistgħu jżommu" b'ebda riferenza għal sokor.

2. It-tieni pożizzjoni hija li L-INBID KIEN LI JSAKKAR. Din il-pożizzjoni hija bbażata primarjament fuq l-agumenti li ġejjin:

a. Waqt li huwa tassew li l-inbid ta' L-Ewwel seklu kien normalment jiġi miżjud bl-ilma (jekk le, dan kien ikun imsejjaħ "xorb qawwi" –

- **Lev. 10:8-9** – "U l-Mulej kellem lil Arun, qallu: 'La tixrobx inbid u xorb qawwi, la int u lanqas uliedek, meta tidħlu fit-tinda tal-laqgħa, li ma tmutux: dan ikun statut għal dejjem għal kull nisel tagħkom."
- **Dewt. 14:26** – "U int tonfoq dawk il-flus f'kulma ruħek tixtieq: fi gniedes, jew ngħaġ, jew f'inbid, jew f'xorb qawwi, jew f'kulma ruħek tixtieq: u tiekol hemm quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, u tifraħ int u darek."

Dak li kien ikkonsmat madankollu kien li jsakkar jekk wieħed jieħu ammont suffiċjenti.

b. Dawk taż-żminijiet tal-Bibbja kienu jħarsu bl-ikrah fuq is-SOKOR jew li tkun influwenzat bl-inbid. Għalhekk, kien aċċettabbli, ukoll b'qisien divini, li tixrob l-inbid. Ma kienx aċċettabbli li tisker.

c. Dawk ta' żmien Ġesù kienu jafu lit-Testment il-Qadim wissa l-użu ħażin ta' l-inbid u għalhekk kienu jinkoraġġixxu l-KONTROL u l-

MODERAZZJONI. Dan huwa l-istess bħall-parir ta' Pawlu lil Timotju: **1 Timotju 5:23** – "La tixrobx dejjem ilma, imma ħu *ftit inbid għall-istonku u l-mard tiegħek ta' sikwit*." L-appostlu Pawlu żgur li qatt ma kien sejjer jinkoraġġixxi lil Timotju biex jisker. Imma li jixrob ammont żgħir ikun aċċettabbli. (l-istess bħal "xorb soċjali" tagħna).

i. Innota: waqt li dan l-argument dwar kontrol u moderazzjoni jista' jkollu xi mertu, id-diskussjoni fl-1 Timotju m'għandha x'taqsam xejn max-*xorb soċjali*.

ii. Applikazzjoni moderna tkun "ħu xi mediċina għall-istonku tiegħek…"

d. Alla ħalaq numru ta' ħwejjeġ li jistgħu jkunu wżati ħażin u abbużati. Per eżempju:

i. Alla ħalaq is-sess, u l-intenzjoni tiegħu kienet biex tkun ħaġa tajba ġewwa l-parametri taż-żwieġ. Madankollu, nies jużaw ħażin dan il-ħolqien.

ii. L-istess, Alla ħalaq id-dielja. Imma wkoll Alla poġġa parametri madwar l-użu ta' l-inbid.

iii. Il-bnedmin għalhekk huma responsabbli għal jekk huma jobdux l-istruzzjonijiet ta' Alla dwar l-inbid jew le.

e. L-aħjar traduzzjoni ta' vers 10 hija "meta huma sikru," jindika li l-mistednin kienu, f'dak il-waqt, diġa fis-sakra.

Mela, hawn huma, iż-żewġ naħat ta' l-argument: Jiena naħseb li wieħed jista' jara li hemm mertu għaż-żewġ argumenti, u għalhekk wieħed m'għandux isir dogmatiku ma' l-ebda pożizzjoni.

F'Rivelazzjoni 15:19-20 għandna spjega oħra għal dan fejn naqraw hekk: "U l-anġlu xejjer il-minġel tiegħu lejn l-art, qata' l-għenieqed tad-dielja ta' l-art, u xeħit-hom fil-magħsar kbir tal-korla ta' Alla. Imbagħad bdew igħaffġu l-għeneb fil-magħ-sar barra l-belt, u mill-magħsar ħareġ demm…"

Ta' min jinnota li l-kelma "magħsar" hawn hija "pressa ta' l-inbid" fl-oriġinal. Dak li ħareġ direttament mill-pressa kien "inbid." Dirett mill-pressa ma kienx li jsakkar. Għalhekk, "inbid" mhux dejjem tfisser xarba li ssakkar.

**Koklużjoni:**

Kontroll Fuqna nfusna:

- **Rumani 6:12** – "Tħallux mela d-dnub isaltan f'ġisimkom li jmut, biex tobduh fix-xewqat ħżiena tiegħu."
- **1 Korintin 6:12** – "Kollox jiswa għalija; iżda mhux kollox jaqbel: kollox jiswa għalija, iżda jien ma naqa' taħt is-setgħa ta' ħadd."
- **2 Pietru 1:5-7** – "U barra minn dan, għamlu l-ħeġġa kollha, u żidu mal-fidi tagħkom il-virtù; u mal-virtù l-għarfa, u mal-għarfa, ir-rażna; u mar-rażna, is-sabar; u mas-sabar, it-tjieba. U mat-tjieba, il-ħbubija ta' l-aħwa; u mal-

ħbubija ta' l-aħwa, l-imħabba."